Local Government Association

Stqarrija Assocjazzjoni Kunsilli Lokali

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali tilqa' b' sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar illi jibda jkun hemm tqassim aħjar tal-imwejjed u siġġijiet mis-sidien tar-restoranti fuq art pubblika.

Dan wara li l-istess Awtorita', ħadet din id-deċiżjoni meta kienet qed tevalwa t-talba li ressqet il-Valletta Cruise Port sabiex jiġu regolarizzati l-imwejjed u siġġijiet fil-Valletta Waterfront.

Is-Sur Mario Fava President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fakkar li l-Assoċjazzjoni iddiskutiet fit-tul din il-materja wara diversi ilmenti li kien qed ikollha mill-Kunsilli Lokali, Sindki u residenti, fejn dawn mhux dejjem kienu qed jiġu ikkonsultati b' dawn il-permessi. Dan, mhux biss, imma saħansitra anki f' ċerti każi, kien qed jittieħed l-aċċess liberu għal ċertu żoni għas-skapitu tar-residenti.

Is-Sur Fava ifakkar ukoll li f' Novembru 2017, l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali ppreżentat dokument ta' proposti fejn waħda mill-proposti kienet li l-Assoċjazzjoni kienet talbet illi l-permessi jingħataw wara li jkun hemm:

- konsultazzjoni sħiħa mall-Kunsilli Lokali,
- li tiġi mħarsa s-sigurta', li l-ispazju mogħti b' encroachment ikun jaghmel sens mad-daqs tar-restaurant u il-kcina
- marki ċari sa fejn dan qed jingħata permess li jagħmel użu tal-art pubblika sabiex wieħed jinnota mill-ewwel ikun hemm abbuż.

L-Assoċjazzjoni kienet ukoll appellat sabiex ikun hemm iktar infurzar sabiex dawn l-ispażji jkunu konformi mar-regolamenti stabbiliti li fuqhom ikunu nħarġu l-permessi.

Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, filwaqt li tilqa' b'pożittivita' din id-decizjoni meħuda fil-konfront tal-Valletta Waterfront, l-istess Assoċjazzjoni tkompli tappella lill-Awtorita' sabiex tiehu passi simili fil-lokalitajiet u rhula ohra madwar il-Pajjiz.

Mario Fava

President

Local Government Building,
Local Government Road,
Marsa Industrial Estate,
Marsa - MALTA.
**T:** +356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt